A.L. 171 ta' l-2001

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu Fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att, liema Raba' Skeda qegħda ħawnhekk iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda". A.L. 23 ta' l-2001.

(2) Ir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 2001.

Ħassar il-partiti 4 u 15 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda.

2. Il-partiti 4 u 15 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda għandhom jitħassru.

Tenumera mill ġdid l-partiti 5 sa 14 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda.

3. Il-partiti 5 sa 14 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda għandhom jiġu rinumerati bħala partiti 4 sa 13 rispettivament.

Jissostitwixxi l-partita 4 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda.

4. Minflok il-partita 4 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda kif rinumerata għandha tidħol din il-partita ġdida li ġejja:

"4. *Trasport internazzjonali*

Il-provvista ta' servizzi li jikkonsistu fit-trasport internazzjonali ta' oġġetti u passiġġieri u ta' servizzi li għandhom x'jaqsmu direttament ma' dik il-provvista.".